

# Nikol Ġużeppi Cauchi




## IS-SEBA' ISQOF TA' GĦAWDEX

*1929–2010*

kitba ta'
Mons. Dr. JOE BEZZINA

*Nixtieq nesprimi l-gratitudni tiegħi lejn l-E.T. Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi li qed jgħaddilna wirt sabiħ u qaddis. Lil dan l-Isqof li tassew ħabb lill-Knisja ta' Kristu f'Għawdex u bata għaliha, nixtieq li nuruh l-apprezzament tagħna*

*L-Isqof Mario Grech*

Hekk kiteb l-E.T. Mons. Mario Grech fl-ewwel ċirkulari tiegħu lill-poplu tad-Djoċesi ta' Għawdex biex jesprimi r-radd ta' ħajr u l-apprezzament tiegħu lill-Isqof Nikol Cauchi għall-ħidma li wettaq tul l-episkopat twil tiegħu.

L-Isqof Cauchi kellu biss 39 sena meta nhar l-24 ta' Frar 1967, il-Papa Pawlu VI ħatru biex ikun ir-Ragħaj Spiritwali tad-Djoċesi ta' Għawdex. Kien daħal għal biċċa xogħol iebsa l-iktar imħabba l-fatt li kien għadu kif intemm il-Konċilju Vatikan II u allura kien meħtieġ li dak deċiż mill-Konċilju jkun mqiegħed fil-prattika fid-djoċesijiet kollha. Barra dan, hu wiret sitwazzjoni ta' parrokkjaliżmu li qajla kien faċli tinstab soluzzjoni għaliha. L-Isqof Cauchi ħareġ bl-unuri kollha fit-tnejn b'rebħa għall-Knisja ta' Kristu f'Għawdex u b'sodisfazzjon ta' kulħadd.



### Mill-Għarb għal Ruma

Nikol Ġużeppi Cauchi twieled il-Għarb, Għawdex, bin Ġużeppi Cauchi u Ġużeppina Portelli nhar it-2 ta' Marzu, 1929. Hu studja fl-iskola primarja tal-Għarb; fil-Liċeo, ir-Rabat; u għamel il-kors Filosofiku u Teoloġiku fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Għawdex. Bħala seminarist kien ikkunsidrat wieħed mill-aħjar, dejjem jaqra u jistudja. Kien ukoll ikun minn ta' quddiem fir-reċiti fuq il-palk u, xi drabi, anki fil-kitba tal-istess reċiti. Nhar id-29 ta' Marzu 1952, l-Isqof Ġużeppi Pace ordnah qassis fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex.

Hu kompla l-istudji tiegħu fl-Università Pontifiċja Gregorjana, Ruma, minn fejn akkwista l-Baċċelerat, il-Liċenzjat, u d-Dottorat fil-Filosofija (Ph.D.). It- teżi dottorali tiegħu kienet fuq il-ħsieb filosofiku ta' Don Luigi Sturzo (1871- 1959) – qassis u politiku Taljan li fis-sena 1919 waqqaf il-*Partito Popolare Italiano*. Dun Nikol temm ukoll b'suċċess Liċenzjat fix-Xjenzi Soċjali (Lic.Sc.Soc.). Bejn is-snin 1952 u 1956, meta hu kien joqgħod Ruma, għamel ħidma pastorali fil-parroċċa ta' Ladispoli, raħal barra minn Ruma.

### Ħidma sfieqa f'Għawdex



Nhar it-3 ta' Mejju, 1956, l-Isqof Pace ħatru kappillan tal-Fontana, Għawdex. Fl-istess żmien beda jgħallem it-Taljan fis-Seminarju Minuri u l-Filosofija u s-Soċjoloġija fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. Fl-istess żmien okkupa diversi karigi oħra: Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali tal-Azzjoni Kattolika; Viċi-President tal-Ġunta Djoċesana fiż-żminijiet diffiċli ta' konfront bejn il-Knisja u l-Istat; l-ewwel *moral advisor* tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex; wieħed mill-fundaturi u direttur spiritwali tal-Għaqda Ġurnalisti Għawdxin; Moderatur tal-Każijiet Morali; Eżaminatur Pro-Sinodali fil-Kurja; kif ukoll predikatur u konfessur imfittex ħafna.

Fis-sena 1958, hu kien il-moħħ wara t-twaqqif tal-MAS – il-Moviment Azzjoni Soċjali, Għawdex – li tiegħu kien l-ewwel President. Fis-sena 1959 beda joħroġ il-*Gozo Year Book*. Ta wkoll sehem attiv fit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, li fis-sena 1961 kiseb ċerta awtonomija fit-tmexxija tal-gżira ta' Għawdex.

Fl-aħħar ta' Settembru 1962, Dun Nikol irriżenja minn kappillan mal-ħatra tiegħu bħala Prefett tal-Istudji fis-Seminarju. Hu beda bil-mod il-mod jirriforma l-kurrikulu tal-istudji kemm fis-Seminarju Minuri, kif ukoll fil- Maġġuri. F'Jannar 1965, inħatar ukoll editur tal-ġurnal djoċesan *Għawdex* (imwaqqaf Ġunju 1945) u li hu irriforma u bidel l-isem f'*Il-Ħajja f'Għawdex*.











## Amministratur Appostoliku u Isqof

Nhar it-2 ta' Marzu 1967, f'jum għeluq snienu, tħabbar li kien inħatar isqof awżiljarju ta' Għawdex, u fit-22 ta' Marzu, inħatar ukoll amministratur appostoliku. It-tmexxija tad-djoċesi għaddiet f'idejh. Ftit jiem wara, f'Ħamis ix-Xirka fil-għaxija, għalkemm kien għadu mhux ikkonsagrat, mexxa l-ewwel funzjoni fil-Katidral.

Nhar id-9 ta' April 1967, l-E.T. Mons. Martin O'Connor, Nunzju Appostoliku għal Malta, ikkonsagrah isqof bit-titlu tas-Sede Titulari ta' Vico di Augusto. Il-Papa Pawlu VI ħatru bħala s-sebgħa isqof ta' Għawdex nhar l- 20 ta' Lulju, 1972. Għamel l-ingress sollenni fil-Katidral tal-Assunta nhar il-10 ta' Settembru.

## Episkopat ta' tmienja u tletin sena

Mhux possibbli li ssemmi anki fil-qosor il-ħidma episkopali tul 38 sena, in-numru kbir ta' riformi li twettqu fil-ħajja djoċesana, u l-ġid kbir li sar matul l- episkopat tal-Isqof Cauchi. Iżda min irid ikun sinċier ma jistax ma jammettix li l-Isqof Cauchi ħadem bis-sħiħ, iddedika ħajtu, l-enerġiji, u t-talenti sbieħ tiegħu għas-servizz tad-djoċesi Għawdxija.

Hemm ħafna oqsma fil-ħajja tal-Knisja f'Għawdex li għandhom il-marka tal-Isqof Cauchi. Uħud jafu l-eżistenza tagħhom mill-bidunett lilu, waqt li oħrajn ħa ħsiebhom bħal bidwi għaqli li mhux biss iħawwel il-ġdid iżda jikkura wkoll dak li jkun ġie mħawwel minn ħaddieħor. Għad jgħaddu s- snin... imma ħafna għad ikunu dawk li jibqgħu jiftakru b'imħabba lill-Isqof Cauchi u jibqgħu japprezzaw il-wirt li ħalla lid-djoċesi.

Insemmi tlieta li jidhirli huma ta' importanza kbira.

Mal-ewwel xhur tal-ħidma episkopali tiegħu beda jitħabat bis-sħiħ għall-aġġornament tal-kleru f'Għawdex. Beda b'riformi kbar fis-Seminarju Maġġuri u anki fil-Minuri. Kien regolarment jorganizza *seminars* u konferenzi



biex jgħin fl-għarfien aħjar tat-tagħlim tal-Knisja. Beda jibgħat diversi saċerdoti ġodda ħalli jkomplu l-istudju tagħhom f'Universitajiet Ruma u hekk iggarantixxa l-futur tas-Seminarju. F'Novembru 1968, hu fetaħ librerija djoċesana b'kotba moderni fis-Seminarju biex isservi kemm għas-seminaristi, kif ukoll għall-kleru. Tħabat ħafna anki fuq livell materjali. Il-kleru Għawdxi ma kellu ebda dħul fiss. Ipprova litteralment, ilaqqat kemm kien possibbli ħalli jkun jista' jipprovdi dħul fiss, anki jekk żgħir, lill-qassis Għawdxi.

Nhar it-22 ta' Jannar 1975, waqt laqgħa tal-Kunsill Pastorali, hu habbar li xtaq ħafna li l-Kungress Pastorali li kien ser isir, iservi bit-tħejjija għal Sinodu Djoċesan, jiġifieri laqgħat organizzati għal kulħadd għat-tiġdid spiritwali tal-ħajja nisranija f'Għawdex. Is-Sinodu proprju infetaħ il-Katidral nhar il-11 ta' Ottubru 1992 u ngħalaq nhar it-22 ta' Novembru. L-atti sinodali kienu ppubblikati fid-9 ta' Marzu 1993.

Ħolma oħra tiegħu li ħadem għalija bis-sħiħ kienet il-ftuħ ta' Skola Sekondarja tal-Knisja għall-Bniet. Kien iħobb jgħid, u bir-raġun, li Għawdex ma kienx hemm għażla. Għamlulu elf diffikultà u ried ikun bniedem tal-azzar bħalma kien l-Isqof Cauchi biex jintrebaħ kull tfixkil. Iżda l-ħolma seħħet bil- ftuħ tal-iskola sekondarja msejħa *Bishop's Conservatory* f'Settembru 2002.

## Isqof attiv sal-aħħar

Il-Ħadd, 15 ta' Jannar, 2006, kien mument speċjali u sabiħ għad-djoċesi Għawdxija. Dakinhar l-Isqof Nikol Cauchi temm il-mandat tiegħu bħala l- Isqof Djoċesan. Il-poplu Għawdxi nġabar bi ħġaru fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex



sabiex flimkien ma' Mons. Cauchi irodd ħajr lil Alla u lill-Ommna Marija tal-grazzji li ssawbu fuqna permezz ta' l-istess Isqof Cauchi tul 38 sena ta' l-episkopat tiegħu b'risq id-Djoċesi tagħna, id-Djoċesi Għawdxija. F'din l-okkażjoni, numru ta' saċerdoti li jinsabu jwettqu l-ħidma tagħhom 'il barra minn xtutna ħallew il-parroċċi rispettivi tagħhom u ġew Għawdex biex huma wkoll, bil-preżenza tagħhom, iroddu ħajr lill-Isqof Cauchi għall-ħidma tiegħu.

L-Isqof Cauchi, f'kelmtejn tal-okkażjoni, ħeġġeġ biex il-familja Għawdxija tissokta titlob flimkien b'mod speċjali bit-talba tar-rużarju. Talab ukoll skuża jekk xi darba seta' naqas lil xi ħadd. Id-diskors intlaqa' b'applaws kbir.

Il-ħidma tal-Isqof Emeritus Nikol Cauchi ma ntemmitx dakinhar. Bil-kitba, bl-omeliji fil-quddies, u bil-programmi tiegħu fuq ir-radju, bit-tagħlim tal- Filosofija fis-Seminarju, suġġett li minn dejjem kien għal qalbu, hu kompla jagħti l-kontribut siewi tiegħu lid-djoċesi.



Barra dan l-Isqof Nikol Cauchi kompla jikteb. Ilu joħroġ rivisti u kotba minn meta kien għadu żgħir. Kien għadu student il-Liċeo meta beda joħroġ *Id-Dawl*, bullettin tal-Azzjoni Kattolika tal-Għarb. Malli daħal is-Seminarju beda jikkontribwixxi artikli qosra fuq Għawdex lill-ġurnal *Leħen is-Sewwa*. Bħala kappillan tal-Fontana kien joħroġ bullettin jismu *Il-Ħajja tal-Parroċċa*. U l-lista tkompli. Kiteb madwar il-mitt ktieb differenti.

F'Settembru 2002, fis-sena li fiha għalaq ħamsin sena saċerdot kont, f'isem id-Djoċesi, organizzajt wirja f'ġieħu fis-Sala tal-Wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex. Sa dakinħar kien kiteb tmienja u sittin ktieb. U kompla dejjem jippubblika fl-aħħar tmien snin.

## Fi ħdan il-Missier tas-Sema

L-Isqof Nikol Cauchi kien rikoverat f'qagħda kritika fil-*Cardiac Care Unit* tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fis-27 ta' Ottubru. L-għada ttieħed b'ħelikopter militari fl-isptar *Mater Dei*. F'dawn l-aħħar jiem deher li qiegħed jirpilja għalkemm il-qagħda tiegħu baqgħet dejjem kritika. L-Isqof Nikol Cauchi – is-seba' isqof ta' Għawdex – miet fl-isptar *Mater Dei* fis-sitta ta' fil-għodu tal-15 ta' Novembru. Kien jum il-festa ta' San Albertu l-Kbir, filosofu kbir bħalu, qaddis li hu tant kien jammira, tant li darba jien u hu morna flimkien fuq il-qabar tiegħu fil-kripta tal-knisja Dumnikana ta' St Andreas, Cologne.

L-Isqof Cauchi mhux ser jintesa malajr mill-memorja u mill-affett ta' l- Għawdxin kollha b'mod ġenerali u l-iktar minn min kellu x-xorti li jsir jafu mill-qrib, għaliex ismu se jibqa' marbut intimament mal-ġrajja glorjuża ta' pajjiżna għal dejjem.



# L-Isqof Nikol Cauchi - Ragħaj ta' Viżjoni Kbira

*Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fil-Funeral ta' Mons Isqof Nikol Cauchi*
*Knisja Katidrali – L-Erbgħa, 17 ta' Novembru 2010*

## X'viżjoni għandha s-soċjetà tagħna llum?

Il-bniedem li jara u jara fil-bogħod ipoġġi fi żgur il-passi tiegħu tal-lum. Imma l-bniedem li m'għandux viżjoni jibqa' jgħammar fl-istess kundizzjonijiet u l-ħajja tiegħu hija miskina u mifxula. Dak li ngħidu għall-bniedem nistgħu ngħiduh għall-kollettività, għalina bħala soċjetà: għax jekk is-soċjetà ma jkolliex viżjoni, jiġifieri jekk is-soċjetà ma tagħmilx il-miri tagħha – li ovvjament iridu jkunu għanijiet tajbin – , allura anke l-futur tas-soċjetà mingħajr viżjoni huwa futur imċajpar.

L-indikaturi ta' madwarna jikkonfermaw li kemm individwalment u kemm bħala soċjetà jew m'għandniex viżjoni jew għandna viżjoni li hi mijopika – qed naraw biss sa mneħirna! Għandna viżjoni empirika fejn jgħodd biss dak li tmiss u tara, viżjoni immanenti u li tingħalaq għat-traxxendent.

Niflu ftit kif illum qed nitkellmu dwar il-bniedem. X'viżjoni għandna tal-persuna? Inħoss li hija viżjoni qasira ħafna għax m'aħniex nitkellmu u nittrattaw lill-bniedem bir-rispett lejn id-dinjità tiegħu. Viżjoni li tirrispetta lill-bniedem qatt ma tirrendih oġġett. Viżjoni li tgħożż il-ħajja umana ma toħlomx li tagħmel esperimenti manipulattivi fuq il-ħajja.

X'viżjoni għandna tal-familja tagħna li għandha s-sisien tagħha fuq iż-żwieġ li ma jinħallx? Jekk inħaddnu viżjoni favur il-familja, kif nispjegaw l-appoġġ u l-promozzjoni ta' stili ta' ħajja li jimminaw il-familja?

X'viżjoni għandna meta nitkellmu fuq il-ħaddiem? X'viżjoni għandna tad-dinja tax-xogħol, f'dinja li hija mmexxija mis-suq u jgħodd dak li nistgħu naqilgħu u niksbu? U x'jiġri fejn ma taqlax u x'jiġri lil min ma jaqlax?

Forsi l-viżjoni tagħna tmur ftit lil hinn mill-konfini tal-gżejjer tagħna, imma sa fejn tasal? Nistħajjel li tasal sal-Ewropa. U lil hinn mill-konfini tal-Ewropa hemm xi ħaġa jew m'hemmx? Hija viżjoni li taqra 'l bogħod, imma mhux 'il bogħod biżżejjed, għax għal x'uħud x'ħin naqbżu dak il-konfini politiku niġu fil-baħħ.

Mela hemm viżjoni li aħna rridu nixxenqu għaliha, viżjoni li tagħti tifsira u sens lill-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Proprju meta jirnexxilna nassiguraw din il-viżjoni miftuħa għat-traxxendent, aħna nkunu għamilna investiment tajjeb u proġettazzjoni tajba fil-ħajja individwali, familjari soċjali tagħna.

## Il-viżjoni ta' Ġesù Kristu

Fil-Vanġelu li xxandrilna (Ġw 17,24-26), Ġesù jitkellem mill-viżjoni tiegħu: Missier, kemm nixtieq li lil dawk li inti tajtni turihom il-glorja tiegħek! Kristu kellu viżjoni fuq il-bniedem u fuq l-umanità: li jneħħilna l-qxur ta' fuq għajnejna li bħal għamad ma jħalliniex naraw u hekk nistgħu naraw il-verità. Min jara lil Alla għandu l-verità u huwa ħieles. Għalhekk hija l-viżjoni li tiksbilna dak li kulħadd jixtieq fil-fond ta' qalbu.

Intenni li verament ikollna viżjoni miskina jekk aħna individwalment u bħala soċjetà ningħalqu għal Alla. Illum diġà hemm dellijiet li qed jinżlu fuqna u jtaqqlu l-mixja tagħna; jekk ma nirkuprawx din il-viżjoni qed nirriskjaw li d-dlamijiet joħonquna.

## Il-viżjoni tal-Isqof Nikol Cauchi

Aħna llum qed nagħtu tislima xierqa lill-isqof tagħna Nikol Ġużeppi Cauchi. Illum qed nibku persuna li mhux biss kellha viżjoni, imma tatna viżjoni. Forsi l-viżjoni ta' Nikol ma ħallejnihiex tespandi. Forsi wkoll fixkilnih u qtajnielu qalbu milli jimraħ fil-viżjoni profonda li bħala bniedem ta' Alla huwa kellu għall-Knisja u għal pajjiżna.

L-Isqof Nikol kellu viżjoni personalistika u umanistika, viżjoni li tpoġġi l-bniedem fiċ-ċentru. Fittxu ftit fil-ħafna kitbiet li għandu u taraw kif il-qalb tiegħu kienet tħabbat għall-bniedem, b'għażla preferenzjali għaż-żgħir u l-batut. Din il-viżjoni tal-Isqof Cauchi kienet tħaddan dak kollu li jagħmel parti mill-ħajja tal-bniedem – u allura l-ħajja tal-familja, l-edukazzjoni, ix-xogħol. Tnejn mill-Ittri Pastorali tiegħu kienu fuq ix-xogħol u fuq l-edukazzjoni. Huwa għandu Ittra Pastorali oħra fuq il-promozzjoni umana. Għal dakinhar li kiteb dawn l-"ittri", jista' jkun li

l-Isqof uża kliem "tqil". Nittama li dawk il-ħsibijiet u dik il-viżjoni mhumiex nieqsa mil-lessiku tagħna llum ukoll! Sfortunatament il-viżjoni tagħna llum hija differenti minn dik li kellu l-Isqof Cauchi, għax għal ħafna llum il-bniedem illum mhux iċ-ċentru imma "sinna" waħda fir-rota tas-sistema. Il-bniedem huwa strumentalizzat.

L-Isqof Cauchi kellu din il-viżjoni favur il-bniedem għax kien imsaħħar minn Kristu u kien iħobb il-Knisja.

Infatti huwa kellu viżjoni Kristoċentrika – kien jara kollox fid-dawl ta' Kristu. Il-Konċilju Vatikan II fil-*Gaudium et Spes* jgħallem li l-misteru tal-bniedem nifhmuh biss fid-dawl tal-Misteru ta' Kristu l-Feddej tal-bnedmin (ara n.22). L-Isqof Nikol mhux biss kien jemmen fi Kristu l-Feddej tal-bnedmin, imma kien jgħallem dwar Kristu. Kienet xewqa tiegħu li jlaqqa' lil ħaddieħor ma' Kristu. Fil-persuna tal-Isqof Nikol aħna kellna l-preżenza ta' Kristu li kien jgħaddi mit-toroq jgħallem u jagħmel il-ġid. L-Isqof kien jemmen b'konvinzjoni li t-tagħlim ta' Kristu jagħti d-dawl mhux biss dwar il-bniedem imma dwar dak kollu li jmiss mal-bniedem; u għalhekk kien mimli entużjażmu, enerġija u passjoni biex f'waqtu u barra minn waqtu lilna jkellimna dwar Kristu.

L-Isqof Cauchi kellu viżjoni ekkleżjoloġika – viżjoni li tagħraf il-ħtieġa tal-Knisja biex aħna nifhmu u nħaddnu lil Kristu veru u mhux karikatura tiegħu kif jagħmlu x'uħud. Il-Knisja hija esperta fl-umanità għax hija ta' Kristu. Bl-imħabba u l-għarfien tiegħu tal-Knisja, l-Isqof Cauchi seta' bħal Kristu jkun is-samaritan it-tajjeb li pprovdilna kura u kenn fil-"lukanda" li hija l-Knisja. Din l-għożża tiegħu għall-Knisja wassalilna billi għaraf iqiegħed il-pedament ta' Knisja tal-Konċilju. Aħna dak li aħna għaliex l-Isqof Nikol sforza biex japplika u jimplimenta l-Konċilju Vatikan II – naturalment sakemm seta' u sakemm sab spazju.

Imma l-imħabba tiegħu lejn il-Knisja dehret f'dik l-attenzjoni, biex ngħid hekk skrupluża, biex jimxi fid-dawl tal-Maġisteru. Jien ma nkunx isqof tal-Knisja u dawn is-saċerdoti mhumiex saċerdoti tal-Knisja jekk aħna nibżgħu jew noqogħdu lura milli nwasslulkom dak li tgħallimna Ommna l-Knisja. Kemm kien jinsisti magħna biex fil-liturġija u fil-predikazzjoni nkunu attenti ħalli mhux biss inwasslulkom il-verità, imma biex imbagħad frott ta' din il-verità jissawwar l-*ethos* tagħna: ikun hemm dawk ir-regoli ta' mġieba tagħna, niddefinixxu l-morali tagħna – jekk illum aħna nistgħu nitkellmu dwar il-morali!

Fl-episkopat tiegħu l-Isqof Nikola applika l-enerġija kollha f'azzjoni kollha imħabba lejn il-bniedem; u biex iħobb b'mod awtentiku, l-Isqof Cauchi stinka biex iħobb kif ħabb Kristu u fid-direzzjoni li tagħtina l-Knisja.

## "Monument" ħaj lill-Isqof Cauchi

L-ikbar nomunent li nistgħu nagħmlu biex l-Isqof Nikol jibqa' ħaj fostna hu li nixxenqu ħalli jkollna l-viżjoni tiegħu: viżjoni favur il-bniedem iċċentrata fuq Kristu bl-għajnuna tal-Knisja. B'dan il-mod aħna nkebbsu fina dik l-imħabba li l-Isqof Nikol kellu lejn Għawdex imma anke lejn in-nazzjon tagħna. Hija evidenti l-imħabba li huwa kellu lejn Għawdex; imma daqstant ieħor huma magħrufa l-imħabba u l-interess li kien juri fl-iżvilupp tal-ħajja soċjali ta' pajjiżna. Huwa kien jemmen li seta' jagħti kontribut; u jien ngħid li tah dan il-kontribut. Forsi l-Isqof Nikol ma rax il-frott tal-viżjoni tiegħu, imma dak li huwa żera' fil-qlub u l-ħamrija ta' artna qiegħed hemm jistenna li jimmatura.

Għeżież tiegħi, l-Isqof Nikol miet minħabba problemi kardijaċi. Jien nifhem li l-qalb kbira li kellu f'ġisem żgħir fl-istatura ħabbet ħafna u għalhekk ħadmet ħafna u ħabbtet ħafna. Sfortunatament il-kalċi li xorob minnu l-Isqof Nikol kien fih ċertu mrar, u anke dan kompla għattanlu qalbu, u nifhem li mas-snin din l-għafsa ta' qalb ikkontribwiet ukoll fuq is-saħħa tiegħu. Illum inħossni fid-dmir li quddiem il-poplu ta' Alla lill-Isqof Nikol ngħidlu 'grazzi' u ngħidlu 'aħfrilna' ta' kemm-il darba ma smajniekx, ma fhimniekx, ma kkoperajniex miegħek u ma ħallejniekx tkun ir-ragħaj tagħna, li fl-aħħar mill-aħħar għażlek Kristu biex tkun għalina f'isem il-Knisja!

Għażiż Dun Nikol, il-poplu ta' Alla f'dawn il-ġranet ħaseb fik u ħabbek iktar mis-soltu. Nitolbok biex tinterċedi għalina. Għin lili biex nibqa' nwettaq fuq l-eżempju tiegħek dik il-viżjoni li kellek fil-missjoni pastorali tiegħek. Nitolbok tinterċedi għal din il-Knisja li għaliha int tajt ħajtek. Nitolbok ħalli tbierek in-nazzjon tagħna, biex ilkoll flimkien niksbu din il-viżjoni billi tiftħilna orrizzonti li forsi sal-lum ma konniex nafu bihom. Ammen.









# Kif se nibqgħu niftakru lill-Maħbub Isqof Nikola...

**Mary Xuereb**

"L-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu, mar jiltaqa' mal-Ħallieq imma għalija jibqa' ħaj fil-kitbiet tiegħu li permezz tagħhom għamilt l-istudju tiegħi fl-ewwel teżi bejn l-1994-1995 marbuta mar-*Ri-Evanġelizzazzjoni f'Għawdex: Proposta ta' Katekeżi għall-Adulti*. Kienu d-diversi kitbiet tiegħu, fost oħrajn, li ggwidaw il-ħsieb tiegħi biex nibni din il-proposta ta' Komunitajiet Ewkaristiċi li għadha ħajja f'diversi parroċċi fil-gżira Għawdxija. Nista' ngħid li l-kitbiet tiegħu kienu gwida u dawl għall-parroċċi tagħna. Nikkwota biss silta qasira li tispjega l-ħsieb tiegħi: "... tkun qegħda tittraskura wieħed mill-obbligi ewlenin tagħha, dik tal-komunità li ma tipprovdix edukazzjoni kontinwa fil-mentalità nisranija li nistgħu nsejħulha 'katekumenat permanenti'." (*Il-Kelma tar-Ragħaj*, II, Għawdex 1977, 20-21). Kellu viżjoni miftuħa u kompla żvolġa dak li saħaq fuqu l-Konċilju Vatikan II.

Inħares lejh bħala Missier li għallem mhux biss permezz ta' kitbietu, iżda wkoll permezz tax-xandiriet tiegħu fuq l-istazzjonijiet tar-Radju. Kelli x-xorti flimkien ma' grupp li nistiednuh fuq il-programm *Mill-Wilġa tal-Ħajja* fuq Radju Marija. Kellu kelma għal kulħadd u kellu don kif imur mas-semmiegħa li ta' kull ġimgħa kienu jistennewh biex iċemplulu waqt il-programm li kien itella' hu stess. Apparti minn hekk, kien l-E.T. li amministrali s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof u li tani l-mandat ta' għalliema tar-Reliġjon sabiex inkun nista' nwassal it-tagħlim tar-Reliġjon fl-iskejjel tagħna għal 15-il sena.

Nemmen li qiegħed jaħsad dak li żera' matul il-ħajja tiegħu ... jalla aħna li għadna hawn, inkomplu naħdmu biex fl-aħħar ta' dan il-vjaġġ naraw aħna wkoll 'l wiċċ t'Alla bl-istess ferħ li kellu l-Isqof Cauchi."

**Pauline Grech**

"Huwa diffiċli immens li fi ftit kliem jirnexxilek issellem b'mod li jixirqilha figura bħalma hija dik tal-Isqof Nikol Cauchi.

Kien il-Museum li l-ewwel laqqgħani mal-Isqof Nikol. Jiena trabbejt fil-Qasam Victoria sa minn meta kelli 4 snin. Niftakar ċar ħafna li s-Superjuri, illum ngħid, fl-għaqal tagħhom, kienu joqogħdu ferm attenti li juru mhux biss li l-Museum hu 'l fuq mill-partiġġjaniżmu taż-żewġ parroċċi tar-Rabat imma ukoll li huma dejjem attenti għat-tagħlim tal-Isqof. Għalhekk sikwit, minn eta' ċkejkna, kienu jeħduna għall-Pontifikal fil-Katidral fil-festi ewlenin tas-sena liturġika. Għalkemm żgħira, niftakarni nissaħħar mill-kelma preċiża, konċiża u fl-istess ħin imburġata bl-għerf tal-prietki tiegħu.



Meta mbagħad, wara li sirt soċja tal-Museum, kont membru tal-Kummissjoni Kateketika għal Għawdex u tal-Kunsill Pastorali Djoċesan sirt naf lill-Isqof Nikol iktar mill-qrib. Mhux l-ewwel darba li fil-laqgħat li kien ikolli kont nuri li ma naqbilx miegħu fuq ċerti punti. Għalkemm dak il-ħin x'aktarx li kien jinħasad naf li wara kien jaħseb ferm fuq dak li nkun għidtlu u minflok ma jwarrab is-suġġerimenti tiegħi jikber iktar fir-rispett lejja. Peress li kien jaf li jiena studjajt il-Bijoloġija mhux l-ewwel darba li kellimni fuq l-implikazzjonijiet etiċi tal-progress f'din ix-xjenza u dwar l-obbligu morali li għandu n-nisrani li jibża' għall-ambjent. Però dan ma kienx l-uniku suġġett li kien jinteressah. Ma kienx hemm suġġett akkademiku li hu ma kienx jinteressa ruħu fih. Mhix kumbinazzjoni li Alla l-Missier sejjaħlu fi ħdanu proprju fil-festa ta' San Albertu l-Kbir (15 ta' Novembru). Ma nkunx qed nesaġera jekk ngħid li l-Isqof Cauchi bħal San Albertu kien bniedem enċiklopediku.

Peress li meta kien żgħir l-Isqof Cauchi trabba' fl-Azzjoni Kattolika u mhux fil-Museum, lis-Soċjetà tagħna ma tantx kien jafha meta ġie maħtur Isqof. Matul is-snin però, beda jsir evidenti ħafna li l-Isqof mhux biss sar jaf is-Soċjetà tal-Museum imma ukoll sar ammiratur u sostenitur tagħha. Tista' tgħid li kulfejn hemm is-Soċjeta' f'Għawdex bl-intervent personali tal-Isqof, is-Soċjetà akkwistat l-art fejn bniet l-Oqsma tagħha. Huwa kien devot kbir ta' San Ġorġ Preca u kellu wisq għal qalbu t-talba li kiteb Dun Ġorġ: 'Grazzi Sinjur Alla u aħfirli Sinjur Alla'.

L-Isqof Cauchi għalija jibqa' x-xempju ta' bniedem t'Alla li qatt ma ħalla l-kariga tiegħu fil-Knisja titla' għal rasu. Biżżejjed tħares lejn il-mod ta' ħajja li kien jgħix biex tinduna li l-Isqof kien u baqa' sal-aħħar l-Isqof li iktar ħsiebu biex jaqdi u jgħallem lill-merħla tiegħu milli li jkun stmat jew imfaħħar.

## Francesco Pio Attard



Lill-Isqof Cauchi kelli x-xorti li nsir nafu meta kont għadni daqsxejn ta' tfajjel. L-ewwel tifkiriet li għandi tiegħu huma d-dar tagħna stess, fejn kellna lil missier ommi jgħix magħna, nieqes mid-dawl u f'siġġu tar-roti; f'okkażjoni minnhom l-Isqof Cauchi kien ġie jiċċelebra l-quddiesa d-dar, u dritt laqatni n-natural ħelu ta' dan l-isqof "tas-suttana", ta' natural umli u bi tbissima ħelwa fuq wiċċu, li wara li neża' l-pjaneta u l-alba, intasab maġenb in-Nannu Ġużeppi u qagħdu jitkellmu bħal żewġ ħbieb antiki fuq il-memorji ta' l-imgħoddi. Kien qisu wieħed ta' ġewwa... Kien biss iktar tard li missieri rrakkontali kif l-Isqof Cauchi kien l-għalliem tiegħu, li mbagħad anki għarrsu u żewġu!

Bħala student fis-Seminarju ta' l-Isqof u żagħżugħ li minn idejh kont irċevejt il-Konfermazzjoni, bqajt inħossni b'iżjed minn mod wieħed marbut ma' dan ir-ragħaj ħelu tad-djoċesi tagħna, li fih kont nilmaħ għalliem imma wkoll ħabib ta' kulħadd. Lili l-personalità tiegħu, profonda fil-ħsieb u l-ispiritwalità imma fl-istess ħin sempliċi u aċċessibbli, laqqgħetni mal-wiċċ ta' Knisja li tħossha qrib uliedha u tixtieq tifhimhom, u li minkejja t-tbatija – li hu stess daq mhux darba u tnejn tul l-episkopat tiegħu – tħares b'ottika pożittiva lejn il-ħajja.

## Maria Attard

Kont għadni s-sekondarja bil-qiegħda fuq il-bank ta' l-iskola; smajt il-qniepen tal-belt Victoria idoqqu biex iwasslulna l-aħbar li għandna isqof ġdid. Jien lil Isqof Nikola kont nafu bħala assistent ekkleżjastiku tal-A.K. u kien jagħmlilna l-laqgħat ta' formazzjoni.Kienet tispikka l-qalb socjali tiegħu għaliex kien jinsisti magħna dwar il-preżenza attiva tagħna fis-soċjetà.

Kien Mons. Nikola Ġ.Cauchi li fit-8 ta' Diċembru 1985 fetaħ uffiċjalment Dar Ġużeppa Debono. Hu flimkien ma' Mons Manwel Curmi dejjem ħadu interess f'din il-missjoni partikolari afdata lilna mill-Knisja lokali. Jum il-Ħajja kienet ċelebrazzjoni annwali li dejjem fittex li niċċelebrawha kif jixraq u li dejjem żamm l-appuntament biex ikun preżenti għaliha.

Kien hu li fl-1976 laqgħani bħala lajka kkonsagrata fid-djoċesi tiegħu. Fl-1987 taħt it-tmexxija ta' Dun Mikiel Attard u bl-għajnuna ta' Dun Mario Grech, illum Isqof t'Għawdex, tana l-approvazzjoni biex titwaqqaf il-Komunità *Anawim*, komunità ta' lajċi kkonsagrati u approva l-istatut tagħna.

Nirringrazzja l-Alla li tagħna lill-Isqof Cauchi bħala benefattur kbir tagħna u aħna nibqgħu grati lejn Alla u lejh.

## Kav. Żarenu Calleja

Għandi bosta esperjenzi li ma ninsihom qatt – pero l-Editur talabni nkun fil-qosor, minħabba ż-żmien qasir li għandu biex joħroġ "Il-Ħajja f' Għawdex" – il-ġurnal li kien il-mimmi ta' għajnejn l-Isqof Cauchi.



Fi ftit kliem nista' nsejjaħ lill- Isqof Nikola, bħala dak li poġġa fil-prattika t-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II vis-a-vis l-Appostolat tal-Lajċi – ħafna drabi ftaħar magħna li fost il-Kummissjonijiet li ħoloq il-KDAL kienet l-unika Kummissjoni li qatt ma falliet il-laqgħa ta' kull xahar u li tista' tgħid dejjem attenda għalihom.

Bil-ħidma tiegħu, għaqqad l-għaqdiet tal-lajċi biex flimkien – kulħadd skont l-istatuti tagħhom – naħdmu għalenija għall-ġid tal-Knisja.

Ma' l-Isqof Nikola ħdimna f'kull attività kemm ta' Għaqda, kif ukoll fl-attivitajiet Djoċesani, li saru matul il-perijodu twil li mexxa d-Djoċesi.

Irrid nagħlaq dawn il-ftit ħsibijiet li ħażżiżt bl-istess kliem li għidtlu meta fil-15 ta Jannar 2006 fil-Katidral ċċelebrajna l-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fi tmiem l-Episkopat tiegħu: "Grazzi, Grazzi mill-Qalb Eċċellenza għax Dmirek qdejtu ħafna iżjed minn biżżejjed Magħna u mal-Merħla kollha". – ISSA LI L-MULEJ LAQGĦEK FI ĦDANU, ITLOB GĦALINA.

## Dr Mario Saliba

L-Isqof Nikol Cauchi għalija kien bniedem ta' għerf u umanità kbira. Ma' kien ikollok l-ebda diffikultà tkellmu. Kien iħobb jiċċajta mingħajr ma kien jitlef mid-dinjità tiegħu. Kellu wkoll kapaċità kbira jispjega suġġetti diffiċli kemm bil-fomm u kemm permezz tal-kitba b'mod li jifhmu kulħadd. Il-messaġġ Kristjan dejjem wasslu mingħajr biża ta' xejn. L-gherf tiegħu jibqa' warajh fil-volumi ta' kotba li kiteb. L-ikbar opra li wettaq kienet ir-riforma li ġab fis-seminarju fit-tħejjija moderna għas-saċerdozju. Huwa introduċa sena obligatorja barra minn Malta qabel ma s-seminaristi jikkommettu ruħhom għas-saċerdozju, u numru ta' snin oħra barra ta' esperjenza jew ta' studju wara li jsiru saċerdoti. L-episkopat tiegħu ma kienx faċli minħabba ċertu parrokkjaliżmu li kien hawn. Iżda huwa dejjem mexa b'mod kawt u ġust. Darba, meta kien jikkommenta dwar il-ġid materjali li kellha l-Knisja huwa qalli li meta l-Knisja ħelset minn dan il-ġid u tagħtu lill-Gvern ġralha bħal dak il-pazjent li tilef riġlu u xorta baqa' jħoss l-uġigħ tagħha!

## Rev. Dr Joe Zammit, Arċipriet tal-Qala

In-nuqqas tiegħu ħa nħossuh ċertament, imma fl-istess ħin, jiena żgur li l-memorja tiegħu mhux biss memorja ser tibqa', għax se tkompli tmexxi l-istorja tal-Knisja u tas-soċjetà għażiża tagħna...Ħa nibqa' ngħożż ċertament kull korrispondenza li regolarment kien iżomm miegħi meta kont Ruma nistudja. Il-Mulej iħaddnu miegħu għal dejjem.



*Il-bust li qed jinħadem mill-iskultur Alfred Camilleri Cauchi u li se jkun parti minn monument li ser isir fil-Knisja Katidrali, propju fil-kappella ta' Sant'Ursula, fuq il-qabar ta' Mons Isqof Nikol Cauchi. Il-Monument ġie ddisinjat mil-istess artist. Il-bronz ser jinħadem ġewwa waħda mill-aqwa funderiji madwar id-dinja li hija magħrufa bħala 'Chiurazzi' ġewwa Napli fl-Italja.*